# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF ROBERT G. MANGION**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 6 ta' Ottubru 2020**

**Numru 1**

**Rikors numru 1099/06 AE**

**Dottor Michele Martone f'ismu proprju u bħala prokuratur speċjali tal-assenti Massimiliano Martone, fil-kwalità tagħhom ta' *majority shareholders* fis-soċjetà Malta & Europe Hotels Limited (C – 522) u b'digriet tat-28 ta' Novembru, 2018 stante l-mewt ta' Michele Martone l-atti ġew trasfużi f'isem Massimiliano, Annabella, Luigi u Franco aħwa Martone**

**vs**

**Raymond Gatt f'isem u in rappreżentanza tad-ditta "*Gatt Galea & Co*", fil-kwalità pretiża tagħha ta' Kontrollur tas-Soċjetà Malta & Europe Hotels Limited (C422) u b'nota tat-28 ta' Frar, 2012, MGI Malta assumiet l-atti bħala Kontrollur tal-istess kumpanija; u l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**

**Il-Qorti:**

1. Dawn huma appell prinċipali mressaq mill-konvenuti u appell inċidentali mressaq mill-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-

Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju, 2011 (minn issa 'l hemm imsejħa "l-ewwel sentenza appellata") u oħra mogħtija fis-27 ta' Jannar, 2014 (minn issa 'l hemm imsejħa "it-tieni sentenza appellata") fil-kawża fl-ismijiet premessi. Fl-ewwel sentenza appellata u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità konvenuta li l-kawża kienet waqgħet għaliex għalaq iż-żmien li fih messha nfetħet. Fit-tieni sentenza appellata u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-ewwel Qorti ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tad-ditta konvenuta, ċaħdet l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi, u fil-waqt li sabet li l-ħatra tal-likwidatur mill-Awtorità mħarrka għandha tinftiehem bħala ħatra ta' kontrollur tal-kumpanija attriċi, ħassret il-kariga li MGI Malta kellha bħala kontrollur tal-kumpanija attriċi, ladarba kien inħatar l-Avukat Robert Tufigno bħala kontrollur tal-istess bis-setgħat mogħtija bl-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta' Stralċ)[1] u rabtet lill-Awtorità tħallas l-ispejjeż tal-kawża li dwarhom ma kinitx ipprovdiet fil-bqija tal-parti deċiżorja tas-sentenza;

2. Fl-att li bih fetħu l-kawża, l-atturi, li jidhru bħala azzjonisti ewlenin tal-kumpanija Malta & Europe Hotels Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "MEH"), jgħidu li l-ħatra tad-ditta mħarrka bħala kontrollur ta' MEH saret ħażin u ma tiswiex għaliex id-ditta mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "MGI") ma setgħetx tinħatar bħala kontrollur ladarba m'għandhiex

[1] Att XVII tal-1995 (Kap 383)

personalità ġuridika u m'hijiex persuna fiżika u wkoll għaliex fiż-żmien tal-ħatra diġà kien hemm stralċjarju maħtur biex jillikwida u jxolji lill-istess MEH u l-liġi ma kinitx trid li jkun hemm aktar minn stralċjarju wieħed f'kull waqt[2]. Qalu wkoll li lanqas kien għad fadal il-ħtieġa ta' stralċjarju, ladarba MEH kienet ħallset dejnha mal-B.I.C.A.L. għas-saldu, kif joħroġ mill-kuntratt pubbliku tal-4 ta' Diċembru, 1998. Talbu t-tħassir minnufih mill-Awtorità mħarrka tal-imsemmija ħatra mogħtija lil MGI;

3. Illi fit-Tweġiba Maħlufa mressqa minnha, MGI laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li jonqos fl-attur Dottor Michele Martone l-interess li jagħmel il-kawża ladarba huwa biegħ jew ittrasferixxa l-ishma kollha li huwa kellu f'MEH. Żiedet tgħid li jonqos l-interess ġuridiku wkoll fl-attur l-ieħor Massimiliano Martone għax ma jirrappreżentax lill-imsemmija kumpanija. Qalet li l-ġudizzju mhux sħiħ għaliex l-awtoritajiet governativi messhom kienu parti fil-kawża. Fuq kollox, l-azzjoni attriċi waqgħet biż-żmien ta' sitt xhur dekadenza skont l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Laqgħet ukoll fil-mertu billi meriet punti ta' fatt u ta' dritt imsemmija mill-atturi;

4. Illi l-Awtorità mħarrka fit-Tweġiba Maħlufa minnha, laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li l-azzjoni attriċi waqgħet billi għadda ż-żmien li

[2] Art. 29(4) tal-Kap 371

fih setgħet saret skont l-Artikolu 469A(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura. Laqgħet ukoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

5. Illi b'sentenza preliminari tal-15 ta' Ġunju, 2010, l-ewwel Qorti, għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari ta' MGI, u sabet li l-atturi kellhom l-interess ġuridiku meħtieġ biex iressqu din l-azzjoni. Minn dik is-sentenza ma tressaq l-ebda appell;

6. Illi biex waslet għall-ewwel sentenza appellata tat-30 ta' Ġunju, 2011, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> *"Qabel ma l-qorti tqis il-meritu hija meħtieġa deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni preliminari ta' dekadenza taħt l-art. 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:*
>
> *"**469A.** (3) Kawża biex twaqqa' għemil amministrattiv … … … għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf, jew seta' jsir jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-għemil amministrattiv.*
>
> *"10. Din il-kawża iżda hija maħsuba biex tikkontesta l-kontinwazzjoni fil-ħatra ta' kontrollur – mhux fatt ta' darba, bħal ma hija l-ħatra nfisha, iżda fatt kontinwat li jkollu l-effetti tiegħu tul iż-żmien kollu li l-kontrollur idum fil-ħatra u jkompli jwettaq id-dmirijiet u s-setgħat tiegħu. Billi l-ħatra għadha fis-seħħ sallum ma hux il-każ li l-azzjoni waqgħet b'dekadenza.*
>
> *"Il-qorti għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni ta' dekadenza u tordna li jitkompla s-smigħ. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallsuhom il-konvenuti."*;

7. Illi biex waslet għat-tieni sentenza appellata tas-27 ta' Jannar, 2014, l-ewwel Qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> *"**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**.*
>
> *"Permezz tat-tielet eccezzjoni d-ditta konvenuta ssostni li l-gudizzju m'huwiex integru ghaliex l-awtoritajiet governattivi kellhom ikunu parti*

*ghal dan il-gudizzju. Il-qorti ma tarax htiega ta' dan gialadarba kienet l-awtorita konvenuta li hatret lil Gatt, Galea & Co bhala kontrollur ta' Malta & Europe Hotels Limited, u baqghet iggedded l-inkarigu. Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda.*

*"B'riferenza ghat-tieni eccezzjoni, mir-rikors guramentat hu evidenti li l-kontestazzjoni tal-atturi m'hijiex li Malta & Europe Hotels Limited hi kkunsidrata bhala attiv kontrollat.*

*"Kif inghad fis-sentenza preliminari tat-30 ta' Gunju 2011 (fol. 88), il-meritu tal-kawza jitratta kontestazzjoni tal-hatra ta' Gatt, Galea & Co (illum MGI Malta) bhala kontrollur ta' Malta & Europe Hotels Limited, ghas-segwenti ragunijiet:-*

*"i. ghax ma hijiex persuna fizika;*
*"ii. ghax ma ghadx hemm htiega ta' kontrollur wara li s-socjeta hallset kull dejn li kellha mas-socjeta BICAL u s-socjetajiet assocjati maghha; u*
*"iii. ghax ma hemmx htiega ta' kontrollur ukoll ghax inhatar stalcarju.".*

*"Mill-atti jirrizulta li:-*

*"i. Fil-25 ta' Novembru 1972 il-Ministru tal-Finanzi appunta lil Earland, General Manager tal-Bank Centrali, bhala kontrollur tal-bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited (fol. 173).*

*"ii. Fit-28 ta' Novembru 1972 inhatar l-avukat Dr Carmelo Mifsud Bonnici fil-kariga ta' kontrollur tal-BICAL (fol. 174).*

*"iii. Fil-11 ta' Settembru 1974 il-Ministru tal-Finanzi pogga l-Malta and Europe Hotels Limited taht kontroll. Fl-ordni jinghad li l-kontrollur Dr Mifsud Bonnici:*

> *"shall have all the powers, functions and duties of the said Malta and Europe Hotels Limited whether exercisable by the company in general meeting or by the board of directors or by any other person, including the legal and judicial representation of the company, and that any such powers, functions or duties shall be exercsiable by and vest in the said Dr Carmelo Mifsud Bonnici to the exclusion of any other person.*
>
> *"I further direct that the said Dr Carmelo Mifsud Bonnici shall realize the assets of the Malta and Europe Hotels Limited and shall keep the funds so realized in such profitable manner as may be appropriate in the circumstances with a view to eventual payment or distribution of those funds according to law." (fol. 175).*

*"iv. Fil-5 ta' Novembru 1985 gie ppubblikat avviz fejn inghad li ai termini tal-Artikolu 18 tal-Att dwar il-Kummerc Bankarju, Emanuel Bonello kien inhatar bhala kontrollur ta' diversi kumpanniji, fosthom dik meritu tal-kawza (fol. 176).*

*"v. Fid-19 ta' Novembru 1999 Malta and Europe Hotels giet xjolta (fol. 177).*

*"Jirrizulta li l-hatra li l-atturi qeghdin jikkontestaw saret fil-31 ta' Jannar 2003 (fol. 24) meta l-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta hatret lil Gatt, Galea and Co bhala Kontrollur tal-kumpanija Malta & Europe Hotels Limited u kumpanniji ohra.*

*"Malta and Europe Hotels Ltd kienet is-sid tal-lukanda Grand Hotel Excelsior li nbieghet b'att tat-30 ta' Settembru 1991. Permezz ta' kuntratt pubblikat min-nutar Dr Romina Bartolo Buontempo fl-4 ta' Dicembru 1998 (fol. 26), il-Kontrollur tal-Bical u kumpanniji ohra assocjati dahal fi ftehim ma' Dr Antoine Fiott bhala kontrollur specjali tal-Malta and Europe Hotels Limited u mal-atturi. Ftehim li wassal sabiex jigu determinati x'kienu l-ammonti dovuti minn Malta and Europe Hotels Limited lil Bical u l-kumpanniji assocjati li ssemmew fl-istess kuntratt (ara klawzola 2). Fil-kuntratt jinghad ukoll li:-*

> *"Upon the signing of this deed, the First Party with the approval of the Special Controller of the Malta and Europe Hotels Limited and the Third Party shall advise the Competent Authority to make an order for the liquidation of the Malta and Europe Hotels Limited in terms of the controlled companies (Procedure for Liquidation) Act 1995, The Banking Act and other relevant laws and to appoint a person ad hoc as Controller to carry into effect such order of liquidation, and the final distribution to the shareholders of the Malta and Europe Hotels Limited.".*

*"Jirrizulta li b'ittra datata 19 ta' Novembru 1999 (fol. 33), il-Bank Centrali ta' Malta gharraf lill-avukat Dr Michael Frendo li kien qieghed jigi nominat bhala stralcarju tal-kumpanija Malta and Europe Hotels Limited, bil-ghan li eventwalment il-gid tal-kumpanija jitqassam skont il-ligi. Sussegwentement b'effett mit-23 ta' Marzu 2004 l-avukat Dr Robert Tufigno gie nominat bhala stralcarju minflok l-avukat Frendo (fol. 35). F'avviz pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-1 ta' Ottubru 2004 (fol. 36) l-Awtorita konvenuta ddikjarat:-*

> *"It is hereby notified for the general information that Dr Michael Frendo, LL.D, has resigned from his position as Liquidator for Malta and Europe Hotels Ltd with effect from 23rd March, 2004 and Dr Robert Tufigno, LL.D., has been appointed in his stead as from the same date.".*

*"Il-qorti tosserva:-*

*"i. L-ewwel ilment tal-atturi huwa li l-Kontrollur m'huwiex persuna fizika. L-Att dwar il-Kumpaniji Kontrollati (Procedura ta' Stralc) [Kap. 383] jipprovdi li "Kontrollur tfisser persuna mahtura……". Il-ligi ma tghidx li l-persuna trid tkun persuna fizika. Il-qorti taqbel mat-tezi tal-konvenuti li japplika l-Artikolu 4 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249) li jipprovdi:-*

> *"4. F'dan l-Att u f'kull Att ieħor mgħoddi qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, kemm-il darba ma jkunx jidher ħsieb kuntrarju….*

> *(d) l-espressjoni "persuna" tinkludi korp jew għaqda oħra ta' persuni sew jekk dak il-korp jew dik l-għaqda jkunu persuna ġuridika, skont id-disposizzjonijiet tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili,* ***sew jekk le****." (enfazi tal-qorti)*[3].

*"Ghalhekk it-tezi tal-atturi li l-kontrollur irid ikun persuna fizika hi ghal kollox minghajr bazi. L-istess ghat-tezi li trid tkun persuna guridika taht id-disposizzjonijiet tat-Tieni Skeda tal-Kodici Civili*[4]*. Ir-riferenza li ghamlu l-atturi ghad-definizzjoni ta' Kontrollur fl-Att dwar il-Kummerc Bankarju (Kap. 371) u l-Artikolu 29 tal-istess Att ma jibdilx il-fehma tal-qorti. L-applikazzjoni tad-definizzjoni tal-kelma "persuna" kif moghtija fl-Artikolu 4 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni ghandha tkun ir-regola u mhux l-eccezzjoni. Ghall-qorti m'hemm xejn fil-Kap. 383 li jwassalha sabiex tikkonkludi li l-legislatur kellu l-intenzjoni li l-persuna li tinhatar bhala Kontrollur trid tkun persuna fizika jew guridika mwaqqfa skont id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili. Raymond Gatt spjega li Gatt, Galea & Co u llum MGI Malta huma socjeta civili. Fatt li ma giex kontestat. Fis-sentenza* ***Anthony Bugeja vs Carmelo Agius et*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Ottubru 1991, inghad li f'Malta:*

> *"[….] kull forma ta' assocjazzjoni maghmula a bazi ta' kuntratt socjali, sakemm il-finalitajiet ta' dak il-kuntratt ma jkunx impossibbli, projbiti mil-ligi, kontra l-morali jew l-ordni pubbliku, hija nvestita b'personalita' guridika……".*

*"Konkluzjoni li l-qorti waslet ghaliha billi rriferiet ghall-Artikolu 207 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili fejn kien jinghad li atti gudizzjarji jistghu jigu pprezentati:*

> *"1. Dalla parte stessa che comparisce a nome proprio…. Socio o rappresentante di una casa o di una societa' commerciale, agente od incaricato di* ***qualunque altra societa' riconosciuta o <u>permessa dalla legge</u>****.".*

*"Il-qorti esprimiet il-fehma li dan il-provvediment jikkonferma li l-ligi ma kenitx tirrikonoxxi biss drittijiet lis-socjetajiet rikonoxxuti, izda wkoll lil dawk maghmula a bazi ta' kuntratt socjali. Il-qorti kompliet tghid:*

> *"Fid-dritt taghna d-distinzjoni bejn assocjazzjonijiet incorporated u unincorporated li hemm fid-dritt ingliz ma tezistix; kull assocjazzjoni ghandha u hija korp, cjoe' ghandha dak il-gisem guridiku illi d-dritt jirrikonoxxi, u li jaghmel tajjeb ghan-nuqqas ta' gisem fiziku li minn*

---

[3] Qabel l-emenda li saret fl-2007, l-espressjoni persuna kienet "*tinkludi għaqda jew korp ieħor ta' persuni, sew jekk dik l-għaqda jew dak il-korp ikunu* ***persuna ġuridika jew jekk le.***".

[4] F'sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Dicembru 1991 fil-kawza **E. Avallone vs A. Delia** ***proprio et nomine***, gie osservat: *"Il-persuni fizici li jiftehmu u jaghmlu skrittura privata jew att pubbliku biex jiffurmaw socjeta civili, cioe' mhux kummercjali, joholqu persuna guridika distinata u separata mill-istess persuni li jikkomponuha, kif jidher car mid-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili – mill-artikolu 1644 sa l-artikolu 1688. Minn dawn is-socjetajiet hawn numru konsiderevoli bhal ma huma dawk tal-Kazini tal-Banda fid-diversi bliet u rhula, kazini tal-isport, specjalment tal-futbol, socjetajiet politici kostitwiti f'partiti u simili. Dawn kollha ghandhom personalita' guridika separata u distinta mill-membri taghhom."*.

> *natura taghha kull assocjazzjoni, din il-forma esistenzjali, ma jistax altrimenti jkollha.”.*

*“Ghaldaqstant l-ewwel talba ser tigi michuda.*

*“ii. It-tieni ilment tal-atturi hu li n-nomina ta’ kontrollur hi ghal kollox abbuziva ghaliex il-kariga ta’ kontrollur m’hijiex aktar mehtiega fid-dawl ta’ dak li jiddisponi l-att pubbliku tal-4 ta’ Dicembru 1998 li bih il-kumpanija hallset id-dejn ghas-saldu li kellha mal-BICAL u kumpanniji assocjati. Il-qorti tibda billi tosserva li l-atturi m’humiex jikkontestaw jekk kenitx legali l-ordni tal-Ministru tal-Finanzi (tal-11 ta’ Settembru 1974) li biha Malta and Europe Hotels Limited tpoggiet taht kontroll. L-atturi qeghdin jikkontestaw in-nomina ta’ Gatt, Galea & Co li saret fil-31 ta’ Jannar 2003 u li bih dik id-ditta giet nominata bhala Kontrollur tal-imsemmija kumpanija u l-inkarigu taghha baqa’ jigi mgedded minn zmien ghall-iehor sakemm giet amalgamata fid-ditta MGI Malta. F’dan ir-rigward il-qorti tosserva li:-*

*“. Fil-kuntratt tal-4 ta’ Dicembru 1998 il-Gvern, l-Awtorità konvenuta u l-Bank Centrali, ma kienux parti.*

*“. Fil-kuntratt ma jinghadx li l-Malta and Europe Hotels Limited qeghda thallas ghas-saldu d-dejn li ghandha mal-BICAL. Dak il-kuntratt serva biex jigi identifikat x’kien id-dejn ta’ Malta and Europe Hotels Limited mal-BICAL u l-kumpanniji assocjati li jissemmew f’dak l-istess att. Tant il-kuntratt ma kienx qieghed jipprovdi ghall-estinzjoni tal-obbligazzjoni bil-hlas, li fil-kuntratt jinghad li kellu jibqa’ jiddekorri l-imghax bir-rata ta’ 5.5% (fol. 27).*

*“. Skont l-Att dwar il-Kumpanniji Kontrollati (Procedura ta’ Stralc) [Kap. 383][5], l-istralc ghandu jsir minn Kontrollur (Artikolu 4).*

*“Skont l-Att dwar il-Kummerc Bankarju, kontrollur jinhatar biex jiehu:*

> *“l-kontroll tal-kummerc tal-bank u jew li tkompli tmexxi dak il-kummerc jew li taghmel dik il-funzjoni l-ohra jew il-funzjonjiet l-ohra dwar dak il-kummerc, jew parti minnu, kif jordna l-Ministru.” (Artikolu 18(d) tal-Kap. 215[6]).*

*“Wiehed jista’ jargumenta li m’hemmx bzonn ta’ kontrollur ta’ kumpanija li tigi xolta, peress li ma jibqax isir negozju. Oggettivament wiehed jista’ jsostni li kien hemm kunflitt ta’ interess bejn ir-rwol ta’ Kontrollur tal-BICAL u dak ta’ Kontrollur tal-Malta and Europe Hotels Limited fil-persuna ta’ Emanuel Bonello, meta tqies li dawn iz-zewg entitajiet guridici ghandhom interessi differenti. Minn dak li fehemet il-qorti, l-unika konnessjoni bejn dawn iz-zewg persuni guridici kienet li l-BICAL*

---

[5] Att XVII tal-1995. Att li kien fis-sehh meta fl-4 ta’ Dicembru 1998 kien pubblikat il-kuntratt in kwistjoni.

[6] Din il-ligi giet abrogata u minflok gie ntrodott il-Kap. 371 li fih disposizzjoni identika (Artikolu 29).

*kien kreditur tal-Malta and Europe Hotels Limited. Mill-Att dwar il-Kontroll tal-Kumpanniji (Procedura ta' Stralc) [Kap. 383] hu evidenti li meta ssir ordni ta' stralc, hu l-kontrollur li ghandu jwettaq il-process ta' stralc. Il-Kontrollur, skont il-Kap. 383, huwa l-persuna "mahtura mill-Ministru skont l-artikolu 18 tal-Att dwar il-Kummerc Bankarju (illum m'ghadux fis-sehh), jew mill-awtorità kompetenti skont l-artikolu 29 tal-Att dwar il-Kummerc Bankarju.". Ghalkemm l-Att dwar il-Kummerc Bankarju (Kap. 215) kien jipprovdi li l-Ministru tal-Finanzi jista' jinnomina kontrollur u wkoll "jinnomina persuna biex taghmilha ta' stralcarju ghall-likwidazzjoni tal-affarijiet tal-bank", poter li l-awtorità kompetenti ghad ghandha fil-ligi attwali (Kap. 371), bl-introduzzjoni tal-Kap. 383 (Att XVII tal-1995) hu evidenti li l-istralc ghandu jsir mill-Kontrollur innifsu u mhux ikollok sitwazzjoni fejn persuna tkun kontrollur u persuna ohra tinhatar bhala stralcarju. Ghall-qorti hu evidenti li meta gie ffirmat il-kuntratt tal-4 ta' Dicembru 1998, l-intenzjoni tal-firmatarji kien li wara dakinhar tigi appuntata persuna bhala Kontrollur sabiex taqdi d-dmirijiet taghha ai termini tal-Att dwar il-Kumpanniji Kontrollati (Procedura ta' Stralc) [Kap. 383]. Hi l-fehma tal-qorti li hekk biss tista' tinftiehem klawzola sitta (6) tal-kuntratt. Hekk ukoll fi klawzola 4 tal-kuntratt jinghad: "The First Party shall make available all documentation and information in his possession relative to this claim, to the Malta and Europe Hotels Limited and the Controller thereof who shall be appointed in terms of Clause six (6) hereof." (fol. 28). Ghalhekk il-firmatarji tal-kuntratt ma kienux qeghdin jipprospettaw li Emanuel Bonello, il-Kontrollur tal-BICAL, jibqa' wkoll kontrollur tal-Malta and Europe Hotels Limited. Madankollu fil-fehma tal-qorti t-tieni talba tar-rikors guramentat tfalli ghaliex hi bazata fuq dak li gie pattwit fil-kuntratt tal-4 ta' Dicembru 1998, li ma jorbotx lill-Bank Centrali u s-successur tieghu (l-Awtorità konvenuta) peress li ma kienux parti ghal dak il-kuntratt.*

*"iii. L-ahhar ilment hu li fid-dawl tal-hatra ta' Dr Robert Tufigno, m'hemmx iktar htiega ta' kontrollur tal-Malta and Europe Hotels Limited. Kif diga' nghad, Kap. 383 qieghed jikkontempla s-sitwazzjoni fejn l-istralc u dak kollu li hemm bzonn isir f'dan il-process, isir minn persuna wahda, il-Kontrollur. Rajna kif l-avukat Dr Tufigno ha post l-avukat Dr Frendo.*

*"Jibda biex jinghad li permezz ta' ittra li l-Bank Centrali baghat lill-avukat Dr Michael Frendo, datata* ***19 ta' Novembru 1999*** *(fol. 178), infurmah:-*

> *"The Central Bank, acting under the powers granted to it by the Banking Act 1994, in particular section 29 and 37(2) thereof, and by the Controlled Companies (Procedure for Liquidation) Act 1995, is hereby extending and subjecting the winding up and liquidation order as aforesaid to the provisions of the Controlled Companies Act and is hereby directing you to assume the functions of liquidating and winding up the affairs of the Company with a view to eventual distribution of the Company's assets according to law.* ***You are also directed to carry out all the functions and duties arising under the said Acts in the execution of your liquidation and winding up operations.****".*

*"Fil-fatt jirrizulta li dakinhar stess il-kumpanija giet xolta. Stralc ta' kumpanija kontrollata jrid isir fit-termini ta' dik il-ligi, li tipprovdi li l-istralc isir minn Kontrollur[7]. Fl-ittra jinghad li fost id-dmirijiet li kellu Dr Frendo, kien hemm:*

> *"Publication of a notice in the Government Gazette calling upon the creditors of the Company to make any claims they may have against the Company within three months from the date of such notice (**Section 4 of the Controlled Companies Act**)." (enfazi tal-qorti).*
>
> *U*
>
> *"Drawing up a scheme of distribution of the assets of the Company prior to eventual winding up and striking off (Sections 5, 14 and 15 of the Controlled Companies Act).".*

*"Kliem li ghall-qorti jista' jfisser biss li Dr Frendo kellu jaqdi dmirijiet li l-ligi tassenja lill-Kontrollur, ghalkemm ma tissemmix espressament il-kelma kontrollur fil-konfront tieghu u l-kontendenti jirreferu ghalih bhala stralcarju. Bl-ordni tal-Bank Centrali ma jidhirx li twettaq dak li jinghad fi klawzola 6 tal-kuntratt tal-4 ta' Dicembru 1998. Fil-fatt mill-ittra ma jidhirx li l-intenzjoni tal-Bank Centrali kienet li l-Kontrollur Emanuel Bonello jitnehha mill-kariga ta' Kontrollur. Tant hu hekk li fl-ahhar parti tal-ittra mibghuta lil Dr Frendo jinghad:**"Copies of any notices or reports concluded in the execution of your functions are to be forwarded to Mr Emanuel A. Bonello, as Controller of the Company…..".** Ghalhekk hu evidenti li Emanuel A. Bonello kellu jibqa' kontrollur ukoll. Jibqa' pero' fatt li l-avukat Frendo inghata dmirijiet li skont l-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Procedura ta' Stralc) [Kap. 383] ghandhom jitwettqu minn kontrollur, u hu f'dan is-sens li l-qorti qeghda tikkonkludi li hu wkoll inhatar bhala kontrollur. Fil-fatt fl-ittra ta' hatra, jinghad ukoll:**"You are also directed to carry out all the functions and duties arising under the said Acts in the execution of your liquidation and winding up operations.".** Fil-fehma tal-qorti bl-ordni tad-19 ta' Novembru 1999 (fol. 33) il-Bank Centrali hatar, ghalkemm fl-ittra ta' hatra ma tissemmix il-kelma kontrollur, kontrollur sabiex jaghmel l-istralc tal-kumpanija. B'applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Kap. 383 stralc ta' kumpanija bhal Malta & Europe Hotels Limited jista' jsir **biss** minn kontrollur, u hadd iehor.*

*"Sfortunatament dak li deher li kien facli gie kkumplikat bla bzonn. L-ghazla tal-persuna li ghandha taqdi l-inkarigu ta' kontrollur hi mhollija fid-diskrezzjoni tal-awtorità kompetenti. L-ghazla tal-Bank Centrali kellha tkun jew li Emanuel Bonello bhala kontrollur ighaddi biex iwettaq dak kontemplat fil-Kap. 383 jew tinhatar persuna ohra bhala kontrollur minflok Bonello. Minflok, il-Bank Centrali spicca b'zewg kontrolluri meta*

---

[7] Skond l-Artikolu 5(1): *"Il-Kontrollur jgħaddi biex jiddeċiedi dwar il-pretensjonijiet u oġġezzjonijiet li jsirulu, biex jagħlaq u jagħmel stralċ ta' kull attiv kontrollat, li jaħtar awditur indipendenti sabiex jagħmel il-verifika tal-kontijiet tiegħu, u sabiex jifformula skema ta' distribuzzjoni u jagħmel rapport dwarha lill-Ministru.".*

*mill-Kap. 383 ma jidhirx li dan huwa possibbli. Dan apparti li l-presenza tal-kontrollur tal-BICAL hi barra minn lokha meta hu evidenti li l-interess principali tieghu hu dak li jissalvagwardja l-interess tal-BICAL u finalment tad-depozitanti. Fil-fatt l-avukat Dr Andre Camilleri, Direttur Generali tal-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, xehed: "L-interess illi jkollna kontrollur fil-Malta and Europe kien biex jigi zgurat illi din il-kumpanija taghti lil BICAL dak li kien dovut u viceversa." (fol.204). Fil-fatt fir-rapport imhejji mill-kontrollur Gatt, Galea & Co (17 ta' Awissu 2006) u pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern, li gie ppubblikat skont l-Artikolu 5(1) tal-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Kap. 382), jinghad li l-BICAL ghad ghandu pretensjonjiet fil-konfront tal-Malta & Europe Hotels Limited u jinghad: "[….] il-kontrollur qieghed jistabilixxi s-somma ta' hames mitt elf lira Maltija (Lm500,000) biex jaghmlu tajjeb ghall-pretensjonijiet fuq imsemmija.". L-interessi tal-BICAL u Malta & Europe Hotels Limited m'humiex l-istess, u hi l-fehma tal-qorti li l-prudenza kienet titlob li ghallinqas max-xoljiment tal-Malta & Europe Hotels Limited il-kontrollur tal-BICAL ma jibqaghalu l-ebda involviment dirett bhala kontrollur fir-rigward tal-Malta & Europe Hotels Limited. Wara kollox il-hatra tal-ewwel kontrollur ta' din il-kumpanija kienet sabiex: **"[….] shall realize the assets of the Malta and Europe Hotels Limited** and shall keep the funds so realized in such profitable manner as may be appropriate in the circumstances with a view to eventual payment or distribution of those funds according to law." (enfazi tal-qorti, fol. 175). Inkarigu li twettaq meta nbieghet il-lukanda Grand Hotel Excelsior b'kuntratt pubblikat fit-30 ta' Settembru 1991.*

*"L-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, b'ittra datata 31 ta' Jannar 2003, infurmat lid-ditta Gatt, Galea & Co li kienet inhatret bhala Kontrollur ta' diversi kumpanniji, fosthom Malta and Europe Hotels Limited[8]. Hawn ukoll il-qorti tara anomalija fil-hatra ta' din id-ditta bhala kontrollur meta kien hemm digà Dr Frendo li qieghed jaqdi l-inkarigu li jistralcja l-kumpanija skont il-provvedimenti tal-Kap.383. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-Awtorità qalet li l-ahwa Pace ghad ghandhom pretensjonijiet kontra l-kumpanija, materja li hi pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell; "hemm possibilità li ammonti li l-ahwa Pace jistghu eventwalment jirkupraw skont l-ezitu ta' dan l-appell ikunu jistghu sussegwentement jigu rkuprati minghand l-ahwa Pace mill-BICAL. Huwa ghalhekk prudenti u necessarju li f'dawn ic-cirkostanzi l-Kontrollur jithalla jkompli bl-operat tieghu sakemm jigu distribwiti l-assi kollha sabiex jigi zgurat li kullhadd jiehu dak li hu dovut lilu." (fol. 226). Fil-fehma tal-qorti m'hemm xejn li ma jistax isir mill-avukat Dr Robert Tufigno, li ha post l-avukat Michael Frendo.*

*"Ma jidhirx li l-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Procedura ta' Stralc) jikkontempla l-possibilità li jkollok tnejn min-nies qeghdin jaqdu dmirijiet ta' kontrollur. Fis-sentenza preliminari tat-30 ta' Gunju 2011, il-qorti kkonkludiet:*

---

[8] B'ittra datata 20 ta' Frar 2012 l-Awtorità konvenuta kkonfermat lil Raymond Gatt ta' MGI Malta, ditta ohra ta' awdituri, li l-Kontrollur tal-BICAL kienet MGI Malta wara li Gatt, Galea & Co giet amalgamata f'MGI Malta (fol. 129).

> *"10. Din il-kawza izda hija mahsuba biex tikkontesta l-kontinwazzjoni fil-hatra ta' kontrollur – mhux fatt ta' darba, bhala ma hija l-hatra fiha nfisha, izda fatt kontinwat li jkollu l-effetti tieghu tul iz-zmien kollu li l-kontrollur idum fil-hatra u jkompli jwettaq id-dmirijiet u s-setghat tieghu.".*

*"Meqjusa l-konsiderazzjonijiet li saru hawn fuq, jidher li l-kontinwazzjoni fil-hatra ta' kontrollur ta' Gatt, Galea & Co u llum MGI Malta hi ultra vires gialadarba l-kumpanija Malta & Europe Hotels Limited giet xolta u l-istralc qieghed isir minn Dr Robert Tufigno li ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi ghandu jitqies bhala kontrollur tal-kumpanija gialadarba l-ligi tikkontempla li l-istralc isir minn kontrollur. Skont il-provvedimenti tal-Kap. 383 l-Awtorità konvenuta m'ghandix il-poter li zzomm persuna ohra bhala kontrollur tal-kumpanija u ghalhekk iz-zamma fil-hatra ta' MGI Malta bhala kontrollur qieghed isehh minghajr ma tippermetti l-ligi (Artikolu 469A(b)(i) tal-Kap. 12)*";

8. Illi kemm MGI u kif ukoll l-Awtorità mħarrka (minn issa 'l quddiem imsejjħa "l-appellanti") appellaw mill-imsemmija sentenzi b'Rikors tal-Appell tal-14 ta' Frar, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbu li din il-Qorti tikkonferma t-tieni sentenza appellata tas-27 ta' Jannar 2014 inkwantu din ċaħdet it-talbiet attriċi, u tħassar l-ewwel sentenza appellata tat-30 ta' Ġunju, 2011, u dawk il-partijiet tat-tieni sentenza appellata tas-27 ta' Jannar, 2014, sa fejn laqgħet it-talbiet attriċi u tiċħad it-talbiet attriċi kollha u, minflok, tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-appellanti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati;

9. Illi permezz ta' Risposta tal-10 ta' Ġunju, 2014, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-appellati warrbu l-aggravji kollha mressqa mill-appellanti, u qalu li din il-Qorti jmissha tiċħad l-appell, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;

10. Illi, flimkien mar-Risposta tal-10 ta' Ġunju, 2014, l-appellati ressqu wkoll appell inċidentali, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija talbu li din il-Qorti tvarja u tirriforma t-tieni sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ċaħdet it-tielet eċċezzjoni ta' MGI u laqgħet it-tielet u r-raba' talbiet attriċi, u tħassarha fejn ċaħdet l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi u minflok tilqagħhom u tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-appellanti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;

11. Illi permezz ta' Risposta tas-27 ta' Ġunju, 2014, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-appellanti warrbu l-aggravji mressqa mill-appellati fl-appell inċidentali tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

12. Rat is-surroga tal-4 ta' Frar, 2020[9], li biha l-Qorti ġiet kostitwita biex tisma' dan l-appell kif issa komposta;

13. Rat l-atti kollha tal-kawża;

14. Semgħet id-dikjarazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tas-16 ta' Ġunju, 2020, li biha qalu li ma kellhomx sottomissjonijiet xi jżidu ma' dawk li ressqu bil-miktub u l-appell tħalla għal-lum għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

[9] Paġ. 220 tal-atti tal-Appell

15. Illi din hija kawża għat-tħassir ta' deċiżjoni meħuda minn awtorità pubblika dwar ħatra ta' kontrollur ta' kumpanija, għar-raġuni li tali ħatra ma saritx kif kellha ssir u bi ksur tal-liġi. L-atturi jgħidu li l-ħatra ta' MGI bħala kontrollur ta' MEH saret ħażin għaliex ma kienx hemm bżonnha, u wkoll għaliex MGI ma setgħetx tinħatar bħala kontrollur ladarba m'għandhiex personalità ġuridika u m'hijiex persuna fiżika u wkoll għaliex fiż-żmien tal-ħatra diġà kien hemm stralċjarju maħtur biex jillikwida u jxolji lill-istess MEH. Qegħdin jitolbu li l-Qorti ssib li l-ħatra tad-ditta mħarrka bħala kontrollur kienet waħda ħażina. Fl-ewwel sentenza appellata, l-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenuti li l-azzjoni kienet waqgħet bid-dekadenza għall-finijiet tal-Artikolu 469A(3) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. Fit-tieni sentenza appellata, l-ewwel Qorti ċaħdet it-tielet eċċezzjoni ta' MGI marbuta man-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju, ċaħdet l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi, u filwaqt li sabet li l-ħatra tal-likwidatur mill-Awtorità mħarrka għandha tinftiehem bħala ħatra ta' kontrollur ta' MEH, ħassret il-ħatra li MGI Malta ngħatat bħala kontrollur ta' MEH;

16. Illi l-appellanti ressqu **tliet aggravji** miż-żewġ sentenzi appellati. L-aggravju tagħhom mill-ewwel sentenza appellata hu li l-ewwel Qorti żbaljat meta sabet li l-azzjoni attriċi ma tressqitx wara ż-żmien li fih messha nfetħet għall-finijiet tal-Artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet

ta’ Malta. L-aggravji tagħhom mit-tieni sentenza appellata huma li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-liġi meta qieset li, ladarba kien inħatar stralċjatarju, ma kienx hemm il-ħtieġa ta’ Kontrollur; u li l-ewwel Qorti żbaljat meta sabet li, bit-tħaddim tal-Kapitolu 383 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-istralċ ta’ MEH kellu jsir mill-Kontrollur innifsu;

17. Il-Qorti sejra tibda biex tqis l-**aggravju mressaq mill-ewwel sentenza appellata**, għaliex dan jolqot is-siwi tal-azzjoni attriċi. Ma kien sar l-ebda appell mill-ewwel sentenza appellata, li kienet sentenza *in parte* dwar eċċezzjoni preliminari u li appell minnha seta’ jsir flimkien ma’ jew wara l-għoti tat-tieni sentenza appellata[10], kif tabilħaqq sar;

18. B’dan l-aggravju l-appellanti jgħidu li l-għan ewlieni tal-kawża attriċi kien in-nuqqas ta’ siwi tad-deċiżjoni tal-Awtorità appellata li taħtar lid-ditta appellata (illum MGI) bħala Kontrollur ta’ MEH. Dan joħroġ kemm mill-premessi kif ukoll mit-talbiet, l-aktar mill-ewwel talba attriċi. Min naħa l-oħra, il-kawża ġiet intavolata mill-appellati fis-7 ta’ Diċembru, 2006, sitt snin wara. L-appellanti jgħidu li l-ewwel Qorti żbaljat meta sabet li l-kawża hija bbażata fuq il-kontinwazzjoni tal-ħatra tal-Kontrollur, li għaliha ma jgħoddx it-terminu ta’ sitt xhur imsemmi fis-subinċiż (3) tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. L-appellanti jgħidu li għalkemm id-

[10] Art. 231(1) tal-Kap 12

deċiżjoni tal-ħatra ta' MGI ittieħdet f'Jannar tal-2003[11], l-atturi għażlu li jiftħu l-kawża f'Diċembru tal-2006, u dan minkejja li kien ilhom jafu bil-ħatra ta' MGI;

19. Għal dan l-aggravju, l-appellati jilqgħu billi jgħidu li l-azzjoni tikkontesta l-ħatra magħmula mill-Awtorità appellanti lil MGI u l-kontinwazzjoni fil-ħatra ta' kontrollur ta' Gatt, Galea & Co. Għaldaqstant, l-ewwel Qorti sabet sewwa meta ċaħdet l-eċċezzjoni relattiva mqajma minn kull waħda mill-appellanti dwar id-dekadenza tal-azzjoni tagħhom. Jgħidu wkoll li kien jaqa' fuq l-appellanti li juru li l-kawża nfetħet tabilħaqq wara ż-żmien li tagħti l-liġi, u li din il-prova naqsu li jwettquha;

20. Illi jibda biex jingħad li f'dan l-istadju tal-proċeduri, m'hemmx aktar kontestazzjoni bejn il-partjiet dwar in-natura tal-azzjoni attriċi. Dan qed jingħad għaliex filwaqt li fit-trattazzjoni ta' din l-eċċezzjoni quddiem l-ewwel Qorti, l-appellati kkontendew li l-azzjoni tagħhom, għalkemm għandha xejra ta' azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju, hija waħda purament ċivili[12], fit-tweġiba għall-appell imressaq mill-appellanti, l-appellati bidlu l-pożizzjoni tagħhom. F'din it-tieni istanza[13] laqgħu għal dan l-ewwel aggravju billi jistqarru li l-kawża mnedija minnhom hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju dwar id-deċiżjoni tal-Awtorità li taħtar lil MGI. Madankollu,

---

[11] Dok "Ċ", f'paġġ. 24 – 5 tal-proċess (fis-sewwa l-ittra tal-31.1.2003 tgħid li d-deċiżjoni ttieħdet mill-Awtorità fil-11.12.2002)
[12] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-atturi tas-19 ta' April, 2011, f'paġġ. 76 sa 80 tal-proċess
[13] Ara paġġ 12 – 3 tal-atti tal-Appell

iżidu jgħidu li l-ewwel Qorti kienet sabet sewwa għaliex huma għamlu wkoll talbiet li jikkontestaw il-kontinwazzjoni ta' tali ħatra, u għalhekk, id-dekadenza maħsuba fl-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 ma tgħoddx;

21. Illi din il-Qorti wkoll hija tal-fehma li l-azzjoni attriċi hija fil-fatt waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju dwar il-ħatra ta' kontrollur ta' MEH u jekk kinetx aktar meħtieġa wara l-ftehim tal-4 ta' Diċembru, 1998[14], milħuq bejn il-Kontrollur ta' dak iż-żmien u l-Kontrollur Speċjali ta' MEH. Issib ukoll li ma ntweriex li dwar ir-rimedju mitlub mill-appellati tgħodd xi liġi oħra li tgħodd għall-każ[15]. Għalhekk, l-azzjoni attriċi hija tassew waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv kif maħsuba fl-Artikolu 469A tal-Kap 12;

22. Illi ladarba ġew stabbiliti l-parametri tal-azzjoni attriċi, minnufih jidħol fl-istorja s-subinċiż (3) tal-Artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura li jeżiġi li l-azzjoni dwar stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv trid titresaq fi żmien sitt xhur li jibda jgħaddi minn dakinhar li l-parti ssir taf jew messha ssir taf b'dak l-għemil, liema data tiġi l-ewwel;

[14] Dok "D", f'paġġ. 26 – 9 tal-proċess
[15] Art. 469A(4) tal-Kap 12

23. Illi huwa stabbilit illi ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 huwa wieħed ta' dekadenza[16], li jfisser li ż-żmien ma jiġix interrott jew sospiż bħal ma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni;

24. Illi l-ewwel Qorti waslet għall-fehma li l-azzjoni attriċi hija maħsuba biex tikkontesta l-kontinwazzjoni fil-ħatra ta' kontrollur, fatt kontinwat, u għaldaqstant l-azzjoni ma setgħetx waqgħet b'dekadenza;

25. Illi minn qari xieraq tal-premessi u tat-talbiet attriċi, lill-Qorti jirriżultalha li dak li l-appellati qed jilmentaw minnu huwa l-fatt li filwaqt li b'riżultat tal-ftehim ta' Diċembru 1998, inħatar stralċjatarju biex iġib fis-seħħ il-likwidazzjoni ta' MEH, il-ħatra mill-Awtorità appellanti ta' MGI bħala Kontrollur ta' MEH f'Jannar 2003 hija kemm nulla (l-ewwel talba attriċi) kif ukoll abbużiva (it-tieni u t-tielet talbiet attriċi). B'konsegwenza ta' dan, l-appellati jitolbu li l-mandat mogħti mill-Awtorità appellanta lid-ditta appellata <u>f'Jannar 2003</u> jitħassar (ir-raba' talba attriċi);

26. Fil-fehma tal-Qorti, il-kwestjoni li għandha quddiemha ssib il-qofol tagħha bil-ħatra ta' MGI f'Jannar 2003. Din hija r-raġuni waħdanija li l-

---

[16] Ara fost l-oħrajn P.A. **2.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gerard Żammit vs Awtorità tal-Ippjanar*** (mhix pubblikata); P.A. **27.6.2003**, fil-kawża fl-ismijiet ***Dennis Tanti vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et***; P.A. **31.5.2002**, fil-kawża fl-ismijiet ***Roberto Zamboni noe. vs Id-Direttur tal-Kuntratti et***; App. Ċiv. **7.10.2005**, fil-kawża fl-ismijiet ***Edward Paul Tanti vs Segretarju Amministrattiv tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru***; P.A. **10.11.2008**, fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Mizzi vs L-Awtorità tat-Turizmu et***; u App. Ċiv. **10.5.2009**, fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Victoria Borg et vs Sindku u Segretarju in rappreżentanza Kunsill Lokali Pieta***

appellati ressqu l-ewwel talba. Hija talba li minnha nnifisha tixhed li l-kontestazzjoni kienet fid-deċiżjoni li tingħata l-ħatra lil MGI għar-raġunijiet hemm kontestati. Ir-raġunijiet imsemmija mill-atturi appellati f'dik it-talba huma n-nullità tal-ħatra u l-ksur tal-liġi li sar biha. F'dak ir-rigward, il-kontinwità tal-ħatra permezz tat-tiġdid ma tidħolx, għaliex li kieku l-ewwel talba tressqet fi żmienha u ntlaqgħet, il-ħatra kienet titħassar u magħha jitwaqqaf kulma jsegwi għaliha. Huwa minnu li l-appellati ressqu tliet talbiet oħrajn "alternativi", imma l-Qorti jidhrilha li dawn huma lkoll konsegwenzjali għall-kwestjoni dwar jekk il-ħatra kontestata saritx tajjeb jew le. Dik it-talba kienet tiddependi minn deċiżjoni li ttieħdet fi żmien partikolari li jinsab stabbilit u li bih l-appellati kienu mgħarrfa żgur;

27. Illi l-Qorti żżid tgħid li f'azzjonijiet ta' stħarriġ ta' għemil amministrattiv fejn il-parti mġarrba tattakka xi ordni, liċenza, permess, *warrant*, deċiżjoni jew rifjut għal talba, dejjem ikun hemm ir-riperkussjonijiet u l-kontinwazzjoni tal-effetti ta' għemil bħal dak. Madankollu, jekk wieħed jifli sewwa d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12, ma jidhirx li l-liġi trid li l-parti mġarrba titħalla tressaq l-azzjoni fuq is-saħħa tal-effetti kontinwati tal-għemil amministrattiv impunjat, daqskemm fuq l-għemil innifsu. Huwa għalhekk li dak is-sub-artikolu jimponi ż-żmien dekadenzjali biex wieħed imexxi 'l quddiem azzjoni bħal dik. F'dan ir-rigward, għalhekk, din il-Qorti ma taqbilx mar-

raġunament mogħti mill-ewwel Qorti fl-ewwel sentenza appellata meta ġiet biex tqis is-siwi ta' din l-eċċezzjoni partikolari;

28. Illi l-appellanti jgħidu li l-appellati kienu jafu bil-ħatra ta' MGI bħala Kontrollur sa minn żmien twil qabel fetħu din il-kawża, iżda għażlu li jresssqu l-azzjoni kontrihom biss f'Diċembru, 2006. L-appellati, min-naħa l-oħra, jgħidu li minn imkien mill-atti ma joħroġ li huma kienu jafu bil-ħatra ta' MGI bħala Kontrollur[17]. L-istqarrija tal-appellati hija wkoll kontradetta minn ittra mibgħuta f'isimhom lill-Awtorità appellanti fis-16 ta' Lulju, 2004[18], fejn l-appellati wara li jgħarfu lil Raymond Gatt bħala Kontrollur ta' MEH, oġġezzjonaw mal-Awtorità li jingħata wkoll il-kariga ta' likwidatur. Il-kawża nfetħet qrib erba' snin wara li kienet ittieħdet id-deċiżjoni amministrattiva impunjata u meta, għalhekk iż-żmien ta' sitt xhur maħsub mil-liġi kien ilu li għadda bil-bosta;

29. Illi fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis li l-appellati tabilħaqq naqsu li jressqu l-kawża fiż-żmien tajjeb. Dan iwassal biex l-ewwel aggravju tal-appellanti jitqies tajjeb, għandu mis-sewwa u sejjer jintlaqa';

30. Illi ladarba l-Qorti qiegħda tasal għal din il-fehma, mhuwiex meħtieġ li tgħaddi biex tistħarreġ l-aggravji l-oħra tal-appellanti u, wisq anqas, l-

[17] Risposta tal-Appell u Appell Inċidentali tal-appellati, para. 2.5. paġ. 12 tal-atti tal-Appell
[18] Dok. "AS1" f'paġġ. 72 sa 73 tal-proċess

aggravji tal-appellati fl-appell inċidentali tagħhom, li huma marbuta mal-ewwel żewġ talbiet tagħhom;

**Decide**

31. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi: **tilqa' l-appell tal-appellanti**, u filwaqt li tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Jannar, 2014, fil-kawża fl-ismijiet premessi, tirrevoka s-sentenza preliminari mogħtija mill-istess Qorti fit-30 ta' Ġunju, 2011, u minflok tilqa' r-raba' eċċezzjoni preliminari tad-ditta appellanti u l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità appellanti billi ssib li l-azzjoni attriċi waqgħet bid-dekadenza ta' sitt xhur skont l-Artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u

**tordna** li l-atturi jħallsu l-**ispejjeż taż-żewġ istanzi.**

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Robert G. Mangion<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb